Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 214/2015

Il-Pulizja

Spettur Jesmond J. Borg

Vs

Godwin Sptieri

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Godwin Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 2174M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fi Triq il-Kbira, Qormi, nhar is-6 ta' Novembru 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m., kif ukoll fil-hinijiet ta' qabel, fi bnadi ohra f'Malta:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienxqq b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova

li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri nhar is-7 ta' Mejju 2002, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Settembru 2002, hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(f), 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-

imputat mhux hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, izda sabithu hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga eroina kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokaina kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u sabithu hati wkoll tat-tielet imputazzjoni, u kkundannatu ghal **penali komplessiva ta' mija, hamsa u tmenin Euro (€185)**.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u s-sigaretti, esebiti bhala Dok. JB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` mal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u hamsin Euro u tmienja u sebghin centezmu (Eur 450.78), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. Fin-nuqqas, din is-somma jew kwalunkwe bilanc rimanenti jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, tirriforma s-sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' htja fir-rigward tat-tielet akkuza migjuba kontra l-appellat (l-addebitu tar-recidiva) filwaqt li tirrevokha fil-bqija fis-sens illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg akkuzi, filwaqt li terga ssib htija tal-pussess ta' dawn is-sustanzi lleciti (kokajina u eroina), din il-Qorti ssib htija wkoll tal-aggravju abbinat ma dan il-pussess tad-droga kokajina u erojina (li d-drogi nstabu f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienu ghall-uzu esklussiv tal-appellatnt) u cioe' tal akkuzi kif originarjament migjuba mill-pulizija kontra l-appellant u konsegwentement tinfliggi piena iktar idoneja skond il-ligijiet ta' Malta u skond il-procedura debitament applikabbli fic-cirkosanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita, ghamlet misinterpretazzjoni tal-ligi u tal-provi meta lliberat lill-imputat mill-aggravju tal-pussess fir-rigward ghall-ewwel zewg akkuzi.

Illi preliminarjament u a skans ta' repetizzjoni, l-esponent tistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet li giet ipprezentata mill-prosekuzzjoni nhar it-13 ta' Ottubru, tas-sena 2014 quddiem l-ewwel Qorti u titlob li ssir referenza ghall-dawn l-istess sottomissjonijiet bhala kunsiderazzjonijiet fid-dawl tal-aggravji li ser jigu pprosepetati mill-Avukat Generali u minghajr pregudizzju dejjem ghal kwalunkwe aggracju jew kunsiderazzjoni addizzjonali li jista jitqajjem f'dan l-appell interpost u waqt is-smiegh tat-trattazzjoni tal-istess.

Illi b'referenza ghas-sentenza tal-ewwel Qorti jidher mill-kunsiderazzjonijiet maghmula illi l-Qorti tal-Magistrati rrikonoxxiet li meta l-appllant ta' x-xhieda teighu viva vocwe quddiemha, hu kien pjuttost inkonsistenti ma dak li kien iddikjara a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija mal-pulizija investigatticva u dan ghajr ghall-fatt li skond hu dawn is-sustanzi kien u intizi ghall-uzu personali tieghu. Infatti l-ewwel Qorti ddikjarat aperatament li f'certu aspetti ma kienitx qed temmen partijiet mill-verzjoni tal-appellant kif moghtij quddiemha filwaqt li kienet qed takkolji partijiet mill-verzjoni li kien rrilaxxja fl-istqarrija a tempo vergine. Il-Qorti filfatt ikkunsidrat illi filwaqt li c-crikostanzi li fihom kien instab l-appellant kienu kemxejn suspettuzi u setghu indikaw l-uzu aggravat ta' dawn is-sustanzi, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi *'jkun perikoluz li tibbaza sejbien ta' htija ta' pussess bl-*

*aggravanti fuq il-fatt illi l-imputat ma kienx qed jahdem fiz-zmien in kwistjoni u li minkejja dan, huwa xtara d-droga bil-prezz ta' Lm140, meta imbaghad, lanqas ma gie mistoqsi xejn mill-Ufficjal Investigatur dwar din ic-cirkostanza u dwar is-somma ta' Lm93 li nstabet fil-kartiera tieghu, waqt it-tehid tal-istqarrija'.* Kien appuntu ghal din ir-raguni li l-Qorti pprocediet biex issib htija tal-pussess semplici izda mhux dik aggravata fejn allura akkoljiet it-tezi difensjonali li l-uzu ta' dawn id-drogi kien wiehed esklussivament ghall-appellant.

Illi b'kull dovut rispett lejn il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-esponent ma jistax jaqbel mal-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti kemm mill-lat fattwali kif ukoll mill-lat legali. Legalment kif il-Qorti ben taf il-fatt wahdu li l-ufficjal prosekutur ma ghamilx certu mistoqsijiet a tempo vergine f'ebda mod m'ghandu jwassal sabiex l-appellant jitqieghed f'posizzjoni vantagguza ai fini ta' sejbienta' htija o meno u semmai il-Qorti ghandha tara jekk tistax tasal ghal htija o meno mill-provi li jkollha disponibbli ghaliha. Tajjeb ukoll li din l-Onorabbli Qorti tigi mfakkra illi l-appellant effettivament rega xehed viva voce quddiem il-Qorti kif preseduta fl-ghoti tas-sentenza, fejn biddel il-verzjoni li kien ta' originarjament dwar jekk jahdimx jew le apparti affarjiet ohrajn u li f'ebda mod bir-rispett ma pprekludiet l-istess Qorti nnifisha milli taghmel mistoqsijiet opportuni ghat-tfittxija u s-sejbien tal-verita' fil-mankanza tal-ufficjal prosekutur, jekk dik l-istess Qorti kif preseduta hasset dik il-htiega. In oltre ai termini ta' dak dispost fil-kodici Kriminali sbiex il-Qorti tistabbilixxi l-kredibbilita' o meno ta' xhud anki jekk ikun wiehed wahdu, rridu jitteihdu diversi fatturi in konsiderazzjoni fosthom l-inkonsistenzi lijista' jkun hemm fix-xhieda tieghu u dan independentemnt ta' jekk l-ufficjal prosekutur ikun ghamel certa mistoqsijiet o meno. Filwaqt li kien ikun ahjar ghall-kompletezza li l-ufficjal prosekutur jaghmel certra mistoqsijiet u konfrontazzjoni di sua sponet skond il-kaz lijkun, huwa wara kollox il-kompitu tal-Qorti u min ser jiggudika partikolarment biex tasikura li jkollha l-informazzjoni kollha a dispozizzjoni taghha qabel ma tghaddi ghas-sentenza ahharjia taghha u ex ufficio tista' titlobhom jew tirrikjedihom jekk thoss il-htiega. Di piu l-informazzjoni li l-ewwel Qorti kkunsidrat li kienet mehtiega setghet facilment tigi ottjenuta minn

halq l-appellant stess minn fuq il-pedana tax-xheida minghajr il-htiega ta' provi addizzjonali fi stadju meta l-provi tal-prosekuzzjoni kienu maghluqa.

Illi fid-dawl tal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li wasslet ghad-decizjoni taghha li qed tigi appellata mill-esponent, l-ewwel qabel xejn ikun utli li jigi spjegat x'kienu c-cirkostanzi li wasslu sabiex il-prosekuzzjoni jiehdu passi kontra l-appellant ghall-pussess aggravat tas-sustanzi mertu ta' dawn il-proceduri minflok il-pussess semplici. Apparti l-fatti msemmijin fil-fatti esposti f'dan l-appell, meta l-appellatn gie mitkellem a tempo vergine hu stqarr li ma kienx jahdem u li basikament kellu l-vizzju tad-droga fejn skond hu kien jabbuza minn kokaina u eroina f'daqqa. Din pero' ma kinitx l-unika raguni. Skond l-istess appellant hu kellu zewgt itfal xi jmantni izda fl-istess nifs jistqarr li kien jixtri d-droga f'daqqa sabiex isib l-uzu tieghu kull meta kien ikollu xi flus f'idu. Kwindi bazikament u skond l-appellant, kien jxitri droga skond id-disponibbilita' ta' flus u fin-nuqqas ta' flejjes disponibbli kien jara ma min seta' jaqsam u jabbuza mid-droga b'xejn (sharing). Apparti minn hekk, l-appellant kien instab ipparkjat fil-vettura teighu gewwa lokalita' u post fejn fiz-zmein mertu tal-incident kien ikun hemm it-traffikar tad-droga fuq bazi regolari u dan fil-hdax ta' filghodu. In oltre il-mod ta' kif instabet id-droga (maqsuma fi qratas ta' ammonti zghar u mohbija gewwa keychain fil-forma ta' bott tal-Heineken appartenenti lill-istess appellant ex admissis) apparti s-sejba ta' zewg telefons cellulari uflus fl-ammont ta' Lm 93 f'dawk iz-zminijiet, tenut kont tal-fatt li-skond x'kien iddikjara maghhom l-appellant li hu ma kienx jahdem fi zmien mertu tal-arrest teighu u liema fatt gie kkonstata minnu stess, kompliet issahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellant ma kienx qiegħed fejn instab biex jabbuza d-droga izda biex ibiegħha.

Illi inoltre u biex fl-umli opinjoni tas-sottoskritta, it-tezi tal-prosekuzzjoni tkompi tissahhah, meta l-appellant xehed viva voce f'dawn il-proceduri hu biddel il-verzjoni konvejentement fejn kien jaqbel lilu u specifikatament fic-cirkostansi li kienu suspettuzi u li kwindi kienu jxaqilbu favur it-tezi tal-prosekuzzjoni. In fatti konvenjentemetn u a differnza ta' dak li stqarr a tempo vergine diversi snin qabel,

jixheed li kien fil-fatt jahdem dak iz-zmien u kien idahhal flus ta' bejn Lm 150 u Lm 500 fil-gimgha liema ammont kien ivarja skond l-ammont ta' xoghol li kien ikollu fil-gimgha. Di piu, fuq mistoqsija tal-prosekuzjoni u tal-Qorti in kontro ezami hu kienjonfoq bejn Lm 200 u Lm 300 fil-gimgha minhabba l-vizzju li allegatament hakmu. Jghid ukoll li hu kull ma kellu dakinhar fuqu kien l-ammont ta' Lm 140 u li filfatt kien nefaqhom fi droga meta skond l-investigazzjonijet li saru, nafu u gie ppruvat mill-prosekuzzjoni li kienu nstabu Lm 93 ohra kontanti li kiwndi ma gew f'ebda mod spjegati jew gustfikati minnu meta xehed viva voce. Skond ix-xhied tieghu viva voce jghid li hu kien ser jiehu d-droga li kellu fuqu (id-disat' iqratas) kollha f'daqqa dakinhar filghaxija meta a tempo vergine kien stqarr li kien xtara dak l-ammont biex ikollu biex jiehu minflok joqghod jinzel kuljum ghand min kien jissuplixxilu d-droga u dan meta kien ikollu l-flus f'idejh. Apparti minn hekk lanqas ma taghmel sens din it-tezi minn ottika matematika u in konsiderazzjoni li skond kliem l-appellatn hu kien ilu jabbuza mid-droga ghall-madwar sitt snin qabel gie arrestat (fatt li baqa konsistenti fiha) fejn kien jabbuza mid-droga kuljum, skond hu f'ammonti konsiderevoli peress li meta kien jiehu ammonti zghar ma kienx ihossu sodisfatt. Jghid ukoll l-akkuzat meta xehd viva voce li hu kien heba d-droga fejn hbieha gahx kien sejjer ix-xoghol gewwa Hal Qormi u kien ser jabbuza minnha filghaxija wara x-xoghol a differenza ta' dak li stqarr originarjament fejn l-appellant kien nizel Hal Qormi mill-Birgu skond hu biex jixtri d-droga li nstabet fuqu u ghall-ebda raguni ohra. Din it-tezi ukoll ma taghmel l-ebda sens in konsiderazzjoni tal-vizzju ikrah li skond l-istess appellant huwa kellu. Jekk verament kellu vizzju tad-drga u kien jiehu d-droga f'dawk il-kwantitajiet u b'dik ir-regolarita' sal punt li basikament meta kien ikollu l-flus f'idu kien jara x'jaghmel biex jixtri u jabbuza mid-droga jew alternattivament jaqsam ma haddiehor biex zgur ma jghaddix minghajra, hija totalment kontrosens li 'junkie' ta' dik il-kwalita' ikun f'posizzjoni jikkontrtolla l-vizzju tieghu billi jgorr id-droga fuqu ghal gurnata shiha u jabbuza minnha biss filghaxija wara l-hin tax-xoghol. It-tezi difenzjonali kienet taghmel sens f'dan ir-rigwrad jekk l-appellant stqarr li hu kien ser jabbuza mid-droga immedjatament u dan peress li kwalunkwe tezi opposta, inkluz dik li hu xehed viva voce ma

tikkombacjax ma attegjament ta' bniedem li ghandu l-vizzju tad-droga sal-estent deskritt mill-appellant. Jghid ukoll l-appellant dejjem konvenjentement li hu kien xtrhom ittakkettati lesti fi qratas peress li min jissuplixxi ma kellux disponibbli bl-uzin kif kien jixtri s-soltu, fatt iehor li qatt ma ssemma fi stadju originali u li qajmet suspett uolterjuri fil-prosekuzjoni meta d-droga instabet kif instabet. Jghid ukoll l-appellant li l-pulizija ma kienu sabulu xejn fir-residenza tieghu li b'xi mod tista tikkombaci mat-traffikar tad-droga. Dan huwa minnu, bhalma huwa minnu li lanqas ma nstabet parafrenalia tal-uzu jew l-abbuz tad-droga u li kwindi ma teskludi f'ebda mod li hu kien qed jittraffika. Il-fatt li m'hemmx prova li hu qassam id-drogi hu f'dawn il-qratas jew li mmarkhom hu (fatt irrimarkat mill-ewwel Qorti fid-decide taghha), ma jnaqqas xejn mit-tezi tal-prosekuzzjoni. Lanqas filfatt ma jista' jigi eskluz li hu xtara biex jitraffika u mhux biex jikkonsma jew li hu kien qed jitraffika ghall-haddiehor (runner), f'liema eventwalita' l-ebda parafrenalia m'hi ser tinstab u dan apparti d-drga per se sakemm ma tkunx laqhet inbieghet u l-flus mill-bejgh tad-drga kif filfatt kellu l-appellant fuqu meta saret tfittxija fuqu u fil-vttura tieghu. Tajjeb insemmu wkoll li kellu zewg linji cellulari fuqu.. fatt iehor ippruvat u mhux ikkontestat mill-appellat, apparti li dan huwa fatt suspettuz ukoill ghall-ahhar konsiderando li l-appellant ma kienx jahdem (li filfatt kienet il-verzjoni li akkoljiet l-ewwel Qorti) u fejn evidentement ma kien hemm l-ebda raguni valida ghalfejn kien qed igorr zewg telefon cellulari fuqu. Huwa minnu li sfortunatament il-kontenut ta' dawn il-linji ma gewx analizzati izda anki l-fatt wadu li nstabu zewg mobile phones fuqu f'dawk ic-cirkostanzi hija suspettuza wkoll u tkompli ssahha it-tezi tal-pussess aggravat kif ipprospettat mill-prosekuzzjoni.

Illi kwindi u fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha li jirrizultaw mill-assjem tal-provi f'dan il-kaz, inkluz ix-xhieda tal-akkuzat, l-esponent umilment jissottometti li l-ewwel Qorti kienet errata li teskluxi r-responsabbilita' kriminali tal-akkuzat ghall-aggravju tal-pussess tas-sustanzi lleciti li nstabu fil-pussess tieghu u dan peress li evidentement it-tezi tal-appellant fic-cirkostanzi li nstab fihom ma kinitx tindika skop ta' uzu eskluzziv izda pussess ai fini ta' traffikar. Di piu l-Qorti setghet hi stess waheha, tasal ghal din il-konkluzjoni anki fin-nuqqas ta' mistoqsijiet dwar certu

rizultanzai jew sottomissjonijiet da parti tal-prosekuzzjoni, liema fatt wahdu f'ebda mod ma kellu jintuza a favur it-tezi difensjonali.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizjju ghas-sueccepit, u konsegwentalment ghall-ewwel aggravju mqajjem u ghas-sottomissjonijiet maghmula in sostenn tal-istess, jekk din il-Qorti tilqa' l-aggravju tal-Avukat Generali hawn fuq indikat u tiddeciedi li l-appellantghandu jitqies responsabbli ghall-pussess aggravat u mhux biss dak semplici, l-peina ahharija li giet imposta fuq l-appellat trid tigi riveduta u dan in vista tal-fatt li l-appliazzjoni tal-artikolu 4 tal-kapitolu 537 u li giet imposta fuq l-appellat fid-dawl tal-emendi ricenti fil-ligijiet tad-droga, ma tistax tigi applikata fil-kaz ta' pussess aggravat izda biss fil-kaz ta' pussess semplici. Apparti minn hekk din il-Qorti trid ukoll tiehu qies tal-fatt li l-appelalnt instab hati tal-adebitu tar-recidiva fejn fost reati precedenti kien diga' nstab hati ta' pussess aggravat tas-sustanza kokaina.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat mid-decizjoni impunjata billi dehrlu illi l-apprezzament maghmul tal-atti probatorji kellu iwassal lill-Ewwel Qorti tasal ghal sejbien ta' htija ghal pussess bl-aggravanti tad-droga erojina u kokajina fil-konfront ta'l-imputat, appellat odjern. Dehrlu l-Avukat Generali illi l-fatti tal-kaz u senjalatament l-ammont ta' droga li instabet u c-cirkostanzi li fihom instabet maqsuma f'disa pakketti ta' piz kwazi ugwali abbinat ma'l-ammont ta' Lm93 li instabu fil-pussess ta'l-appellat meta dan kien dizokkupat, kellu iwassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib htija ta'l-akkuzi kif impustati u mhux ta' pussess semplici tad-droga erojina u kokajina, liema pussess ma kienx gie ikkontestat mill-appellat. Iktar u iktar l-Ewwel Qorti kellha tasal ghal dan il-gudizzju meta iddikjarat illi l-appellat kien inkonsistenti fil-verzjonijiet moghtija l-ewwel fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta gie arrestat u interrogat u iktar tard fix-xhieda tieghu fil-qorti. Dan jishaq l-Avukat Generali fil-lanjanza imqanqla minnu, li allura jekk milqugha minn din il-Qorti ghandha twassal ukoll ghal bdil konsegwenzjali fil-piena inflitta.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. L-appellat instab fil-pussess ta' disa *sachets* ta' droga, erba kontenenti kokajina u hamsa erojina f'pizijiet kwazi ugwali.
2. Din id-droga kienet mohbija f'*keychain* f'forma ta' bott tal-birra Heineken.
3. Huwa gie intercettat f'vettura ipparkeggjata f' Triq il-Kbira Hal Qormi fil-hdax ta' fil-ghodu.
4. Fuq il-persuna ta'l-imputat instab l-ammont ta' Lm93, ammont ta' pakketti tas-sigaretti Rothmans bla dazju u zewg telefon cellulari, Samsung u Nokia.
5. L-appellanti kien jabbuza kemm mid-droga kokajina kif ukoll erojina u dan ghal diversi snin.[2]

Illi din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li tisma' x-xhieda li iddeponew *viva voce*, kif kellha okkazzjoni li taghmel l-ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti kienet f'posizzjoni ahjar li taghmel l-apprezzament tal-provi li tressqu f'dan il-kaz. Izda jidher illi dak li wassalha finalment sabiex tasal ghal liberatorja tal-appellat mill-akkuzi tal-pusess aggravat tad-droga kien il-fatt illi

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

[2] Rapport ta'l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler

l-provi kienu wisq konfliggenti sabiex iwassluha ghal htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament."*

Issa l-Ewwel Qorti dehrilha illi l-inattendibilita ta' dak mistqarr mill-appellat fix-xhieda tieghu ghar-rigward tal-fatt illi huwa kien jahdem ma kellux jissarraf f'prova li setghet twassalha sabiex tiskarta l-affermazzjonijiet minnu maghmula sa mil-bidunett ta'l-arrest tieghu illid d-droga akkwistata minnu kienet ghall-uzu personali tieghu u dan ghaliex ma kienx hemm provi ohra li jindikaw il-kontra.

Illi din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn x'ticcensura f'tali decizjoni ghaqlija u dan ghaliex kien jirrizulta mill-atti illi l-appellat huwa vittma tal-abbuz serju tad-droga, kemm kokajina kif ukoll erojina u allura seta' kien plawsibbli dak li kien qed jikkontendi u cioe' illi d-droga li kien ghadu kemm akkwista kien ghall-uzu personali tieghu; kif ukoll hija ukoll plawsibbli t-tezi tal-prosekuzzjoni illi dik id-droga setghet kienet intiza ghall-ispacc. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, madanakollu ma hemmx provi ohra li jistghu jikkoroborraw la tezi wahda u lanqas l-ohra ghaliex il-fatt wahdu illi fuq l-appellat instab ammont ta' Lm93 ma ifissirx illi huwa kien qieghed jinnegozja fid-droga ghalkemm l-Ewwel Qorti emmnet il-verzjoni moghtija mill-appellat fl-istqarrija tieghu illi huwa kien dizokkupat. Dan il-fattur wahdu, izda, ma ifissirx illi l-ammont ta' Lm93 allura kien biss ir-rikavat mill-bejgh tad-droga, kif jallega l-Avukat Generali, u dan ghaliex jista' ikun hemm diversi ipotezijiet ohra izda mhux li jippuntaw fl-istess direzzjoni kif mehtieg ai fini ta'

korroborazzjoni ta' evidenza. (Fil-fatt mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Peter Fleri Soler jirrizulta illi l-appellat kellu introjtu mill-previdenza socjali kif ukoll minn flus li kienet tghaddielu ommu.)

Illi allura billi mill-atti l-provi cirkostanzjali ma jilhuqx il-grad rikjest fil-ligi sabiex jistabbilixxu r-reita' fl-appellat, d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti kienet wahda *safe and satisfactory*, li din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur